# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 260/2015/1 LM**

***AMG Cold Stores Limited*; *SM (Marketing) Limited*; *Five Effs Import Co. Limited*; Ġorġ Borg u martu Miriam Borg; Nazzareno Zammit u martu Rita Zammit; George Muscat; Anthony Mifsud; *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited*; Charlon Cutajar; Anton Cassar; *Slais Company Limited (C2659)***

***v.***

***Bank of Valletta p.l.c.*; Av. Richard Galea Debono fil-kwalità ta' Kuratur fil-proċeduri ta' falliment Jonathan Pace (numru 585/13) għal kull interess li jista' jkollu fil-liġi**

1. Dan huwa appell ta' wħud mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2017 illi ċaħdet talba tagħhom biex il-bank konvenut jiġi mġiegħel jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbu l-atturi b'konsegwenza ta' għemil u omissjonijiet tal-bank.

2. L-atturi fissru l-fatti relevanti hekk:

3. Jgħidu illi huma kredituri ta' Jonathan Pace (illum mejjet) u qegħdin jikkonkorru fil-proċeduri tal-falliment tiegħu. Pace kien ġie dikjarat fallut b'seħħ mit-12 ta' Novembru 2013 b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Novembru 2013. Il-bank konvenut ukoll huwa kreditur u l-kreditu tiegħu jiggradwa qabel dawk tal-atturi.

4. Waqt is-smigħ tal-proċeduri ta' falliment irriżulta illi l-kreditu tal-bank kien garantit *inter alia* b'rahan ta' poloz ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja tad-debitur. Dawn il-poloz, għalkemm kienu għadhom fis-seħħ fit-12 ta' Novembru 2013 meta d-debitur ġie dikjarat fallut, skadew għax ma tħallsux il-*premia* relativi li kellhom jitħallsu fis-17 ta' Frar 2014. L-atturi jgħidu illi għalkemm l-assikuratur – *Citadal Insurance p.l.c.* – kien għarraf kemm lil Pace kif ukoll lill-bank li kellu jsir il-ħlas, il-bank għarraf lill-assikuratur li ma kellux aktar interess fuq il-poloz u ċeda r-rahan li kellu fuqhom. Il-poloz għalhekk skadew u ma baqgħux jidhru fost l-assi tal-fallut.

5. L-atturi jkomplu jgħidu illi l-bank konvenut la għarraf lill-kuratur tal-falliment u lanqas lill-kredituri l-oħra b'dawn il-poloz. Lanqas għarrafhom bis-sejħa għall-ħlas li kienet saret mill-assikuratur u lanqas illi l-assikuratur kien għarrfu illi l-poloz setgħu, sa sitt xhur wara, jerġgħu jingħataw il-ħajja.

6. Ikomplu jgħidu illi l-bank ma kellux aktar interess fil-poloz għax kien hemm assi oħra biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-kreditu tiegħu, li kien jig-gradwa qabel il-krediti l-oħra, u għalhekk ma interessahx li l-assi tad-debitur jiġu preservati fl-interess tal-kredituri l-oħra. Id-debitur miet fil-21

ta' Awwissu 2014 u għalhekk, li kieku l-poloz inżammu fis-seħħ, kienet isseħħ il-kondizzjoni tal-ħlas taħt il-polza u kien jikber il-patrimonju tad-debitur fl-interess tal-kredituri kollha. In-nuqqas tal-bank għalhekk għamel ħsara kemm lill-kredituri l-oħra u kemm lid-debitur. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi l-bank intimat bl-aġir tiegħu fuq imsemmi, u senjatament għall-poloz fuq imsemmija, ikkawża preġudizzju serju għaliex l-ammonti mertu tal-poloz imsemmija ma għadhomx effettivament realizzabbli;
>
> »2. tillikwida l-ammonti li kienu jkunu realizzabbli taħt il-poloz fuq imsemmija … u konsegwentement:
>
> »3. tordna u tikkundanna għalhekk lill-bank intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju jqiegħed f'idejn u fil-pussess tal-kuratur intimat … ammonti ekwivalenti għal dak li kienu jkunu realizzati bis-saħħa tal-poloz imsemmija b'konsegwenza tal-mewt ta' Jonathan Pace, u/jew indipendentement minn tali mewt;
>
> »4. fin-nuqqas li l-bank intimat jagħmel dak lilu ordnat fit-talba preċedenti, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jieħdu dawk il-miżuri kollha neċessarji, inklużi dawk li jottjenu kull mandat esekuttiv opportun, fost oħrajn, iżda mhux biss, dak ta' sekwestru, biex jikkonstriġu lill-bank intimat joqgħod għal dak lilu ordnat u/jew li jipprelevaw mill-assi tal-istess bank intimat l-ammonti fuq imsemmija bl-intiża ċara li tali ammonti jitqegħdu fil-pussess u f'idejn tal-kuratur intimat biex jifformaw parti mill-assi u patrimonju tad-defunt bankarott Jonathan Pace.
>
> »Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-liġi kontra l-bank intimat … … …«

7. Il-bank konvenut wieġeb hekk:

> »1. preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija irrita, nulla u inammissibli, *stante* illi fil-proċeduri tal-falliment, tali rimedju mhuwiex mogħti, bil-liġi;
>
> »2. … it-talba tal-atturi hija waħda intempestiva, *stante* illi sal-lum, huma għadhom ma ġewx aġġudikati kredituri fil-proċeduri ta' falliment;
>
> »3. … l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku li jressqu din il-kawża, *stante* illi fil-proċeduri ta' falliment huwa il-kuratur illi jista' jipproċedi biex jikkawtela pretensjonijiet ta' attiv tad-debitur, u mhux il-kredituri;
>
> »4. … l-azzjoni attriċi hija ġuridikament u fattwalment infondata, *stante* li Jonathan Pace ġie iddikjarat li kien fallut fit-12 ta' Novembru 2013, u kwalsiasi somma li setgħet tiġi rikavata taħt polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja kienet tiġi rikavata wara l-istess perijodu u mhux fid-data tal-istess falliment;
>
> »5. … l-azzjoni attriċi hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt, *stante* illi il-bank konvenut ma kellu l-ebda obbligu illi jġedded l-istess polza ta'

assigurazzjoni, imma biss, *se mai*, il-fakoltà li jagħmel dan a spejjeż unikament tiegħu, liema spejjeż huwa ċar li ma jkunux risarċibbli ġaladarba inkorsi wara l-bidu tal-proċediment tal-falliment;

»6. … l-azzjoni attriċi hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt, *stante* illi l-bank konvenut ma kellu l-ebda obbligu legali li jagħti xi informazzjoni lill-kuratur tal-falliment waqt il-formazzjoni tal-inventarju tal-attiv liema obbligu jinkombi unikament fuq id-debitur;

»7. … l-azzjoni attriċi hija waħda ġuridikament u fattwalment infondata u bażata fuq l-antiġuridiku, *stante* illi hija msejsa unikament fuq argument *col senno del poi*. Huwa ċar illi bl-ebda mod ma kien mistenni illi id-debitur Jonathan Pace, li kien fl-aqwa ta' saħħtu fl-età ta' wieħed u tletin sena, kien ser jiffaċċja mewt ħesrem u anke li kieku l-kuratur fallimentari jew il-kredituri kienu jafu bl-eżistenza tal-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja fil-perijodu meta kien qed jiġi formulat l-inventarju u ċjoè qabel Ġunju 2014 ħadd ma kien ser joħroġ bis-suġġeriment li tali poloz jibqgħu jiġu mġedda;

»8. … mhux minnu illi il-bank naqas milli jinforma [b']xi attiv lill-kuratur tal-falliment, u dan kemm peress illi poloz ta' assigurazzjoni ma kinux parti mill-attiv fit-12 ta' Novembru 2013 kif ukoll anke peress illi, fl-ewwel opportunità illi kellu biex jixhed, il-bank stqarr il-pożizzjoni dwar l-istess poloz ta' assigurazzjoni. Anzi s-soċjetà bankarja eċċipjenti tippreċiża li minbarra t-tliet poloz ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja ta' Jonathan Pace mas-soċjetà *Citadel Insurance p.l. c.* kienu ukoll jeżistu erba' poloz ta' assikurazzjoni fuq l-istess ħajja mas-soċjetà *Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited*. Is-soċjetà bankarja konvenuta ma għandha xejn x'taħbi f'dan ir-rigward u dejjem imxiet fil-proċeduri ta' falliment skont il-liġi;

»9. … l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-antiġuridiku u hija għalhekk ġuridikament u fattwalment infondata *stante* illi kull wieħed mill-atturi seta', jekk hekk dehrlu, jikkawtela il-posizzjoni tiegħu bil-ħruġ ta' polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja tad-debitur Jonathan Pace meta ikkonċeda xi forma ta' kreditu lill-istess debitur, u dan in-nuqqas ma jistax jiġi addossat fuq is-soċjetà bankarja konvenuta;

10. … il-bank aġixxa fil-limiti proprju tal-liġi u fid-drittijiet tiegħu fil-qies li jmiss u għalhekk it-talba attriċi hija ukoll ġuridikament u fattwalment infondata (*qui suo iure utitur neminem videtur damnum facere*);

»11. … il-bank la ikkawża xi danni u lanqas ebda preġudizzju ieħor lill-atturi u għalhekk it-talbiet kollha attriċi għandhom jiġu respinti;

»12. … il-bank ma għandu l-ebda obbligu li jqiegħed fil-pusses tal-kuratur fallimentari xi somma ta' flus;

»13. dwar il-fatti kif esposti fir-rikors ġuramentat, dawn huma kontestati u l-atturi … jekk jidhrilhom għandhom jissostanzjaw dak illi qed jallegaw fl-istess premessi.«

8. Il-kuratur konvenut wieġeb illi joqgħod għad-deċiżjoni tal-qorti b'dan illi l-massa tal-kredituri ma għandhiex teħel spejjeż.

9. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta ħlief l-ewwel eċċezzjoni preliminari li qiegħda tiġi miċħuda;

»Konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-kuratur tal-falliment, kontra l-atturi.«

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»L-atturi u s-soċjetà kovenuta huma lkoll kredituri fi proċeduri ta' falliment ta' Jonathan Pace, illum mejjet. L-atturi saru jafu li l-konvenut *Bank of Valletta p.l.c.* kellu miżmuma għandu, bħala rahan għall-faċilitajiet bankarji li kien ikkonċeda lil Jonathan Pace, diversi poloz ta' assigurazzjoni – li s-soċjetà konvenuta ma kinitx infurmat bihom lill-atturi – li ma ġewx imġedda mis-soċjetà konvenuta minkejja li ngħatat diversi opportunitajiet biex tagħmel dan u llum dawn il-poloz ma għadhomx realizzabbli aktar għall-benefiċċju tal-massa tal-kredituri. L-atturi għalhekk qegħdin jitolbu li jiġu likwidati l-ammonti li kien ikun realizzabbli taħt il-poloz u li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tqiegħed somma ekwivalenti f'idejn il-kuratur tal-falliment. L-atturi qegħdin jallegaw illi s-soċjetà konvenuta ma ssalvagwardjatx dawn il-poloz għax kienet moħħha mistrieħ li hemm assi biżżejjed tad-debitur Jonathan Pace biex jiġi sodisfat l-kreditu tagħha *in vista* tal-ipoteki li għandha reġistrati favur tagħha s-soċjetà konvenuta li jippre-gradwawha fuq il-kredituri ordinarji. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta ressqet diversi eċċezzjonijiet preliminari, fosthom dik dwar l-inammissibilità u l-intempestività tal-proċeduri odjerni u tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi f'dawn il-proċeduri. *Inoltre* s-soċjetà konvenuta ssostni li ma kellha l-ebda obbligu illi jġedded l-imsemmija poloz ta' assigurazzjoni, imma biss *se mai* l-fakoltà li tagħmel dan a spejjeż unikament tagħha u għalhekk ma kkawżat ebda danni lill-attur u m'għandhiex tiġi kkundannata tqiegħed ebda somma ekwivalenti f'idejn il-kuratur tal-falliment. Min-naħa tiegħu l-kuratur tal-falliment irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-qorti u qed jikkontendi li m'għandux jeħel spejjeż tal-proċeduri minħabba li t-talbiet mhumiex fil-konfront tiegħu.

»L-atturi ppreżentaw kopja tad-digriet ta' din il-qorti … tal-11 ta' Ġunju 2015 fil-proċeduri ta' falliment ta' Jonathan Pace dwar il-verifika tal-kredituri, li fosthom hemm l-atturi odjerni u s-soċjetà konvenuta *Bank of Valletta p.l.c.* L-atturi esebew ukoll kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Jonathan Pace li miet ta' 31 sena fil-21 ta' Awwissu 2014.

»Xehdet rappreżentanta tal-*MSV Life p.l.c.* li kkonfermat li Jonathan Pace kellu sitt poloz mal-*MSV Life p.l.c.,* li m'għadhomx fis-seħħ. Ix-xhud tgħid illi dawn il-poloz kienu kollha mirhuna jew *assigned* lill-*Bank of Valletta p.l.c.* Ix-xhud tgħid li huma javżaw lill-bank meta jiskadu l-poloz għax ikun hemm sena fejn jistgħu jerġgħu jiġu riavvivati billi jitħallas il-*premium* jekk il-bank ikun interessat li jagħmel dan. Dawn is-sitt poloz kienu:

»1. Polza AP021171 *life assurance* fuq Jonathan Pace li skadiet fl-1 ta' Frar 2014, u li kienet mirhuna lill-*BOV* sal-11 ta' April 2015 għal somma assikurata ta' €5,823, u *premium* ta' €72.70 fis-sena;

»2. Polza FP437379 *life assurance - loan protection plan* fuq Jonathan Pace li skadiet fl-1 ta' Frar 2014, u li kienet *assigned* lill-BOV sal-11 ta' April 2014, għal somma assigurata ta' €99,100, u *premium* ta' €155.63 fis-sena;

»3. Polza FP443779 *life assurance - loan protection plan,* fuq Jonathan Pace li skadiet fl-1 ta' Diċembru 2014, li kienet mirhuna lill-*BOV* bejn is-27 ta' Frar 2009 sad-19 ta' Novembru 2038, għal somma assigurata ta' €44,000, u *premium* ta' €129.98 fis-sena;

»4. Polza FP447511 *life assurance - protection plan* fuq Jonathan Pace li skadiet fl-1 ta' Ġunju 2014, u li kienet mirhuna lill-*BOV* bejn it-28 ta' April 2009 sas-27 ta' April 2048, għal somma assigurata ta' €70,000, u *premium* ta' €231.89 fis-sena;

»5. *Policy* FP450114 *life assurance - protection plan* fuq Jonathan Pace li skadiet fl-1 ta' Settembru 2013, li kienet mirhuna lill-BOV bejn it-28 ta' Settembru 2009 sal-11 ta' Settembru 2013, għal somma assigurata ta' €186,500, u *premium* ta' €362.36 fis-sena;

»6. *Life assurance - free cover policy* FP472344 fuq Jonathan u Melanie Pace għas-somma ta' €10,000 li però ma kinitx mirhuna lill-bank. … … …

»Xehed ukoll rappreżentant ta' *MSV Life p.l.c*. li spjega li għandhom komunikazzjoni elettronika mal-*BOV* u intermedjarji oħrajn li tissejjaħ *policy enquiry tool* li żżomm lill-bank aġġornat awtomatikament bl-i*status* ta' kull polza li jkollhom magħhom. Din it-*tool* ilha fis-seħħ mill-2006 u ħadet post il-komunikazzjoni manwali. Dwar il-poloz imsemmija … ix-xhud spjega li meta tkun skadiet l-aħħar ġurnata għall-ħlas tal-*premium,* jingħataw 30 ġurnata *grace period* biex jitħallas il-*premium*. Wara li tgħaddi sena minn meta kellu inizjalment jitħallas il-*premium,* il-polza tiskadi, iżda xorta f'dik is-sena tista' timtela *revival declaration* fejn il-klijent jiddikjara li saħħtu għadha tajba u l-kumpannija tal-assigurazzjoni tikkunsidra jekk għandhiex tirravivaha. Ix-xhud jgħid illi wara tnax-il xahar il-polza tmur *out of force* u ma tistax terġa' tiġi riavvivata. Ix-xhud ikkonferma li apparti s-sistema awtomatika, fir-rigward ta' erbgħa mill-poloz intbagħtet ukoll *e-mail*. Ix-xhud jgħid li ma jidhirx li l-bank kien irrisponda.

»In kontroeżami kkonferma li dawn il-poloz kienu *life policies* u kellu jsir ħlas taħt il-polza f'każ biss li jmut il-*policy holder,* Jonathan Pace. Il-ħames poloz mirhuna lill-*BOV* ma kinux jimmaturaw u għalhekk jiskadu jekk jieqaf il-*cover* għax ma jitħallasx il-*premium*. Ix-xhud spjega wkoll li *lapsed* tfisser li tkun għaddiet sena li ma jkunx tħallas il-*premium,* u allura jekk polza tkun skadiet fl-1 ta' Frar 2014, ifisser li ma tħallasx *premium* fl-1 ta' Frar 2013 u kieku Jonathan Pace miet fit-2 ta' Frar 2013 ma kien isir ebda ħlas lill-bank. Ix-xhud spjega wkoll li sena wara li l-polza tkun *lapsed* tiġi *out of force* li lanqas jistgħu jikkunsidraw li jerġgħu jirriavvivawha anki jekk timtela r-*revival declaration.* Ix-xhud ippreċiża li polza tiġi *out of force* sena u xahar wara li ma jitħallasx il-*premium* minħabba t-30 ġurnata *grace.*

»Xehed ukoll rappreżentant tas-soċjetà *Citadel Insurance*, li spjega li kellhom erba' poloz skaduti maħruġa f'isem Jonathan Pace u/jew il-mara tiegħu. Fuq tlieta mill-poloz kellhom nota mill-*BOV* fejn jingħad li

l-bank ma baqagħlux interess fihom. Il-polza l-oħra skadiet u kienu kitbu lill-klijent dwarha. Ix-xhud jgħid li l-erba' *life policies* kienu mirhuna lill-*BOV*, tnejn *level term* fis-sens li s-somma assigurata tibqa' l-istess u tnejn *decreasing* fis-sens li s-somma assigurata tonqos kif jonqos is-self. L-erba' poloz kienu:

»1. Polza LT61000466 - *level term protection plan, policy holder* Jonathan Pace li kienet għall-perjodu 22 ta' Settembru 2011 sat-22 ta' Settembru 2030 – somma assigurata €50,000, u *premium* €115.75 fis-sena. Fit-30 ta' Mejju 2012 *Citadel Insurance p.l.c.* irċeviet nota mill-*BOV* li m'għadux aktar interessat f'dik il-polza;

»2. Polza DT65001965 – *loan protection plan (decreasing term), policy holders* Jonathan u Melanie Pace li kienet għall-perjodu 11 ta' Frar 2011 sas-17 Frar, 2025 – somma assigurata €50,000, *premium* €69.88 fis-sena. Fil-11 ta' April 2014 *Citadel Insurance p.l.c.* irċeviet nota mill-*BOV* li m'għandux aktar interess f'dik il-polza;

»3. Polza LT61000379 – *level term protection plan, policy holder* Jonathan Pace għall-perjodu mis-17 ta' Frar 2011 sas-17 ta' Frar 2048 – somma assigurata €105,000, *premium* €369.43 fis-sena. Fil-11 ta' April 2014 *Citadel Insurance p.l.c.* irċeviet nota mill-*BOV* li m'għadux aktar interessat f'dik il-polza; u

»4. Polza DT65002469 - *loan protection plan (decreasing term), policy holder* fuq Jonathan Pace. Ix-xhud jgħid li din il-polza skadiet u huma nnotifikaw lill-klijent u kkuppjaw lill-bank bl-istess ittra li jekk ma jisimgħux mingħandhom se jqisu l-polza bħala lapsed u dan kien f'Ottubru 2013 – somma assigurata €50,000, u premium €69.88 fis-sena.

»Huma kienu joħorġu *renewal notice* qabel ma l-polza tiskadi li kienet tintbagħat lill-klijent, jiġifieri lil Jonathan Pace, imma qal ukoll li kienu jibagħtu *standard e-mail* lill-bank jekk ma jitħallasx il-*premium*. Ix-xhud jgħid li meta tiskadi d-data għall-ħlas tal-*premium* kienu jagħtu xahar *grace* u wara tliet xhur suġġett għal dikjarazzjoni ta' *good health* min-naħa tal-klijent. Ix-xhud jgħid li sax-xahar *grace*, il-*premium* dejjem seta' jibqa' jitħallas minn min ikollu r-rahan favur tiegħu. Ix-xhud ippreżenta wkoll ir-*reminders* li huma bagħtu lill-klijent kif ukoll, fir-rigward ta' tlieta mill-poloz fuq imsemmija, kopji tar-risposti tal-*BOV*.

»Ġiet esebita wkoll ix-xhieda ta' rappreżentant tas-*Citadel Insurance*, li kien xehed fil-proċeduri tal-falliment ta' Jonathan Pace, fejn kien semma l-poloz inkwistjoni. Kien xehed illi l-perjodu li kienu jagħtu wara x-xahar *grace period* biex tkun tista' tiġi riavvivata l-polza f'każ li assigurat jiddikjara li għadu b'saħħtu, kien ta' sitt xhur u mhux tliet xhur … … …

»Ġie esebit l-affidavit tal-*credit manager* tas-soċjetà attriċi *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited* fejn ikkonferma li kien jattendi għall-proċeduri tal-falliment ta' Jonathan Pace – rikors numru 585/2013 – u jgħid li hu jew is-soċjetà fejn jaħdem ma kinux jafu li kien hemm poloz ta' assigurazzjoni ta' Jonathan Pace miżmuma bħala rahan mill-*Bank of Valletta*, ħlief meta xehed rapprezentant tal-bank f'dawk il-proċeduri fil-21 ta' Ottubru 2014. Jonathan Pace kien iddikjarat fi stat ta' falli-

ment fit-28 ta' Novembru 2013. Fil-fatt dak iż-żmien kienu saru jafu bil-poloz maħruġin minn *Citadel Insurance p.l.c.* Huma saru jafu bil-poloz maħruġin minn *MSV Life* biss mir-risposta maħlufa tas-soċjetà konvenuta fil-proċeduri odjerni, u jgħid li lanqas kienu jafu li dawn il-poloz illum għalqu u li l-bank ma ġeddidhomx bħala garanzija għad-djun li kellu miegħu Jonathan Pace.

»L-atturi l-oħrajn kollha ppreżentaw *affidavits* f'dan is-sens … … …

»Xehed ukoll il-kuratur tal-falliment ta' Jonathan Pace, li qal li ġie maħtur kuratur fit-28 ta' Novembru 2013 u stqarr li huwa kien staqsa fil-kors tal-proċeduri tal-falliment lil Jonathan Pace jekk kellux xi poloz tal-assigurazzjoni u Pace kien qallu li għandu xi ħaġa favur it-tfal, iżda ma infurmah b'xejn speċifiku. Ix-xhud jgħid li, meta kkorrisponda ma' Jonathan Pace u mal-avukat Dr Zammit Maempel, ħadd minnhom ma wieġbu. Ħadd ma qallu li kien hemm xi poloz tal-assigurazzjoni u sema' biss bil-poloz mirhuna lill-*BOV* meta xehed rappreżentant tal-*Bank of Valletta* fil-proċeduri tal-falliment.

»Dr Galea Debono jgħid li sar jaf dwar il-poloz meta kienet qed tingħata x-xiehda quddiem il-qorti fil-proċeduri tal-falliment u xi ħadd mill-kredituri li kellu din l-informazzjoni ġabha għall-attenzjoni tal-qorti. Dr Galea Debono jgħid illi meta l-*BOV* intervjena fil-proċeduri tal-falliment, dan ma pprovdielu l-ebda tagħrif dwar il-poloz u lanqas li l-bank kien irrinunzja għall-pleġġ li kellu fuqhom.

«In kontroeżami Dr Richard Galea Debono jgħid li hu bħala kuratur ma għamel ebda indaġini dwar il-poloz tal-assigurazzjoni u sar jaf bihom meta xi ħadd xehed dwarhom quddiem il-qorti. Mistoqsi jekk, meta l-qorti fil-proċeduri tal-falliment kienet qed tisma' lill-kredituri dwar il-*proof of debts,* kienx l-ewwel darba li kull kreditur kellu ċ-ċans jixhed quddiem il-qorti, Dr Galea Debono wieġeb li *insurance policy* jikkunsidraha bħala *asset* u l-fallut Jonathan Pace kellu jinfurmah biha, xi ħaġa li dan naqas li jagħmel. Jekk kienx obbligu tal-*Bank of Valletta* li jinfurmah mill-ewwel bil-poloz, Dr Galea Debono qal illi dwar dan ma jistax jesprimi opinjoni u jħalli dan għad-deċiżjoni tal-qorti.

»L-atturi esebew ukoll kopja tar-relazzjoni tal-avukat Richard Galea Debono bħala kuratur tal-falliment ta' Jonathan Pace datata 3 ta' Marzu 2016, dwar il-pregradwazzjoni tal-kredituri u minn fejn jirriżulta li l-*Bank of Valletta* kellu kreditu fl-ewwel grad waħdu ta' €380,000 u wara persuna oħra li kellha kreditu ta' €103,000 fit-tieni grad, il-*Bank of Valletta* kellu fit-tielet grad waħdu kreditu ta' €319,350.42, qabel il-kredituri l-oħrajn kollha inkluż l-atturi f'din il-kawża.

»Is-soċjetà konvenuta esebiet affidavit ta' *senior relationship manager* mas-soċjetà konvenuta, li jispjega li fis-27 ta' Ġunju 2013 il-*BOV* irċieva notifika li fis-17 ta' Ġunju 2013 Jonathan Pace kien issottometta fil-qorti dikjarazzjoni ta' falliment. Il-*Bank of Valletta* ddeċieda li jwaqqaf il-ħlas tal-*premia* tal-assigurazzjonijiet u *standing orders* biex ma jkomplix jikber id-debitu fuq il-kontijiet ta' Jonathan Pace u għax kull ħlas wara d-dikjarazzjoni tal-falliment ma jkunx jista' jagħmel parti mit-talba fil-proċeduri tal-falliment.

»Dwar il-poloz tal-assigurazzjoni, ix-xhud jagħti d-dettalji li ġejjin:

> »1. Polza MSVLIFE AP021171, il-*premium* dovut fl-1 ta' Frar 2013 ma tħallasx u konsegwentement din il-polza skadiet fl-1 ta' Frar 2014;

»2. Polza MSVLIFE FP437379, il-*premium* dovut fl-1 ta' Frar 2013 ma tħallasx u konsegwentement din il-polza skadiet fl-1 ta' Frar 2014;

»3. Polza MSVLIFE FP443779, il-*premium* dovut fl-1 ta' Diċembru 2013 ma tħallasx u konsegwentement din il-polza skadiet fl-1 ta' Diċembru 2014;

»4. Polza MSVLIFE FP447511, il-*premium* dovut fl-1 ta' Ġunju 2013 ma tħallasx u konsegwentement din il-polza skadiet fl-1 ta' Ġunju 2014;

»5. Polza MSVLIFE FP450114, il-*premium* dovut fl-1 ta' Settembru 2012 ma tħallasx u konsegwentement din il-polza skadiet fl-1 ta' Frar 2013.

»Iżda mbagħad ix-xhud rigward dawk il-poloz li skadew qabel id-dikjarazzjoni tal-falliment sempliċement jgħid li l-*premia* ma tħallsux għax ma kienx hemm fondi fil-kontijiet tal-klijent. Rigward Polza *Citadel* LT61000466, ix-xhud jgħid li l-bank waqqaf din il-polza għax kellu *life cover* biżżejjed ipprovdut minn poloz oħra ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja pleġġjati favur tiegħu. Rigward il-poloz *Citadel* DT65001965, *Citadel* LT61000379 u *Citadel* T65002469 il-*premia* ma tħallsux biex ma jkompliex jikber id-debitu u għax ħlasijiet magħmula wara d-dikjarazzjoni tal-falliment ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri tal-falliment.

»Kompla jgħid li ladarba Jonathan Pace kellu 31 sena u l-*policies* kienu *life* mingħajr *endowments* u ma kienx hemm *cash surrender value,* il-*Bank of Valletta* ma ħassx li kellu jkompli jħallas il-*premia*. Ix-xhud żied jgħid li hekk kif il-kuratur talab l-informazzjoni u meta xehed għall-ewwel darba l-bank fil-proċeduri tal-falliment, il-bank ipprovda t-tagħrif kollu dwar l-imsemmija poloz tal-assikurazzjoni. Ix-xhud qal billi *standing order* tkun hekk imsejħa *privileged,* bl-ebda mod dan ma jkun ifisser li l-bank ikun intrabat favur xi ħadd li l-bank żgur se jħallas il-*premia* dovuti tul is-snin kollha tal-polza u jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-bank minn sena għal sena jekk jaffettwax dan il-ħlas.

»In kontroeżami jgħid li kien qed jixhed mill-*file* tal-bank, kif ukoll minn dak li sema' f'xi trattazzjoni u qal li hu ma kienx involut fid-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu mill-bank. Id-deċiżjoni li ma jitħallsux aktar *premia* mill-bank kienet ittieħdet mir-*relationship manager* u mill-*head* tar-*recoveries department,* u dan kien fl-2011 jew fl-2012. Però meta ġie mfakkar illi dak iż-żmien kienet għadha ma saritx id-dikjarazzjoni tal-falliment, ix-xhud jgħid li ma jiftakarx meta kienet ittieħdet d-deċiżjoni. Ix-xhud reġa' rrepeta r-raġunijiet tal-bank li ma jġeddux il-poloz, għax Jonathan Pace kien għad għandu 31 sena, għax ma ridux ikabbru d-debitu, għax il-*premia* li jitħallsu wara li jinbdew proċeduri ta' falliment ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati u għax ma kienx hemm *endowment* għax kieku l-bank kien ikompli jħallashom. Ix-xhud qal ukoll li raġuni oħra kienet li l-bank kellu ipoteki reġistrati favur tiegħu.

»Meta mistoqsi għaliex meta xehed fil-proċeduri tal-falliment semma biss il-poloz tas-*Citadel*, wieġeb li ma jafx, però qal li kien għadda kollox lill-kuratur iżda ma jiftakarx meta, hux meta kien qed jixhed jew b'mod informali. Ikkonfrontat għax ma kien semma xejn qabel dwar il-poloz ta' *MSV Life*, ix-xhud ma kienx jaf jirrispondi. Ix-xhud qal ukoll li l-bank ma kkunsidrax li dawn il-poloz kellhom valur u qal li l-bank

jikkunsidra li għandhom valur biss bħala *contingent security*. Però ammetta li bħala prassi bankarja, biex jingħata self, il-bank jitlob kemm polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja kif ukoll garanziji ipotekarji. Ix-xhud ammetta wkoll li l-bank ma kienx informa lill-kuratur li kien waqqaf il-ħlas tal-*premia*. Cassar White jgħid li kienu kkorrispondew mal-assiguraturi anki wara li kienu bdew il-proċeduri tal-falliment u jgħid li ma kinux infurmaw lill-kuratur b'din il-korrispondenza għax ikkunsidraw dan bħala *run of the mill*.

»Meta reġa' xehed u kompla bil-kontroeżami, ta d-dati ta' meta ġew rilaxxjati l-poloz mis-sistema tal-bank. Ix-xhud jgħid illi meta xehed fil-proċeduri tal-falliment ġie dirett mill-avukati tal-bank biex jixhed kemm fuq id-djun li kellu Jonathan Pace mal-bank kif ukoll fuq *contingencies* li kien hemm bħal *life policies,* però fl-istess nifs jgħid li biex ikun koperattiv, għax ma kienx ippreparat, semma dak li ftakar, ċjoè l-poloz ta' *Citadel* biss. Ix-xhud jgħid li ma għaddiex l-informazzjoni dwar l-i*status* tal-poloz lill-uffiċċju legali tal-bank għax ma kienx ġie mitlub jagħmel dan. Ix-xhud qal ukoll li hu ma jittrattax direttament mal-kuratur iżda jgħaddi kollox lill-uffiċċju legali tal-bank. Meta baqa' jiġi kkonfrontat bix-xiehda li kien ta fil-proċeduri tal-falliment fejn qal li l-bank għadda l-informazzjoni kollha lill-kuratur, qal li hu għadda kollox lill-uffiċċju legali tal-bank u assuma li huma għaddew kollox lill-kuratur.

»Kusiderazzjonijiet legali

»Il-vertenza odjerna tiċċentra fl-aħħar mill-aħħar fuq żewġ kwistjonijiet prinċipali (i) jekk fil-kors tal-proċeduri tal-falliment ta' Jonathan Pace, is-soċjetà konvenuta kellhiex xi obbligu legali li tinforma lill-kuratur tal-falliment ta' Jonathan Pace bl-eżistenza tal-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' Jonathan Pace li kienu mirhuna lilha; (ii) fl-eventwalità li dan l-obbligu legali kien effettivament jeżisti, irid jiġi stabbilit jekk konsegwenza tal-ksur ta' dan l-obbligu legali da parti tas-soċjetà konvenuta, l-atturi ġewx b'xi mod preġudikati.

»Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi b'mod preliminari illi l-azzjoni attriċi hija irrita, nulla u inammissibli, *stante* illi fil-proċeduri tal-falliment tali rimedju mhuwiex mogħti bil-liġi. Is-soċjetà konvenuta ssostni dan billi tgħid illi b'applikazzjoni tal-prinċipju *lex specialis derogat legi generali*, għandhom japplikaw għall-vertenza odjerna d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ dwar il-falliment li hija l-*lex specialis*, billi fl-ambitu tal-proċeduri tal-falliment ta' Jonathan Pace jiġi attakkat l-inventarju tal-assi tal-fallut biex jidħlu fih assi li llum mhumiex fih. Is-soċjetà konvenuta tikkontendi illi mhuwiex konsentit li wħud mill-kredituri, bħal fil-każ odjern, jirrikorru barra mill-ambitu tal-proċeduri tal-falliment, għall-mezzi ordinarji mogħtija mil-liġi permezz ta' kawża normali għall-kumpens.

»Tqis illi r-rimedju li qiegħda tipprospetta s-soċjetà konvenuta jista' ma jkunx wieħed effettiv u jista' jkun ma jkun rimedju xejn, ladarba ġie stabbilit fil-kors ta' dawn il-proċeduri illi l-poloz tal-assigurazzjoni inkwistjoni spiċċaw skadew u bla ebda valur wara li la Jonathan Pace u lanqas is-soċjetà konvenuta li kellha l-imsemmija poloz mirhuna lilha ma ġġeddewhom u ma ħallsux il-*premium* relattiv tagħhom.

»Tqis illi fil-liġi m'hemm xejn li jipprekludi lill-atturi milli f'ċirkostanzi bħal dawn jirrikorru għar-rimedji ordinarji mogħtija taħt il-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha tkun miċħuda.

»Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi wkoll b'mod preliminari illi t-talba tal-atturi hija waħda intempestiva, *stante* illi sal-lum huma għadhom ma ġewx aġġudikati kredituri fil-proċeduri tal-falliment u li l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku li jressqu din il-kawża, *stante* illi fil-proċeduri tal-falliment huwa l-kuratur tal-falliment illi jista' jipproċedi biex jikkawtela pretensjonijiet ta' attiv tad-debitur, u mhux il-kredituri.

»… … …

»Huwa l-kuratur tal-falliment li jirrappreżenta lill-fallut u lill-massa tal-kredituri. Il-kredituri individwalment jew grupp ta' wħud mill-kredituri, bħal fil-każ odjern, m'għandhomx ir-rappreżentanza tal-massa tal-kredituri, u *se mai* kellu jkun il-kuratur tal-falliment li bħala tali jintra-prendi azzjoni bħal dik odjerna sabiex jipproteġi l-interessi tal-massa tal-kredituri. L-atturi qegħdin jitolbu lis-soċjetà konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju jitqiegħdu fil-pussess tal-konvenut kuratur tal-falliment ammonti ekwivalenti għal dak li kienu jiġu realizzati bis-saħħa tal-imsemmija poloz b'konsegwenza tal-mewt ta' Jonathan Pace, u/jew indipendentement minn tali mewt. Azzjoni bħal din ma tistax tiġi proposta minn uħud mill-kredituri għax huwa biss il-kuratur tal-falliment li għandu r-rappreżentanza tal-massa tal-kredituri li għandu d-dritt u l-interess ġuridiku li jaġixxi f'isimha.

»*Di più* l-interess irid ikun attwali, ċjoè ikun jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta' jedd u jibqa' jeżisti fil-kors kollu tal-kawża. Fid-data li l-atturi ippreżentaw il-kawża odjerna, ċjoè fit-18 ta' Marzu 2015, huma ma kellhomx interess ġuridiku fl-azzjoni li ppreżentaw u dan *stante* li d-digriet li ddikjarahom bħala kredituri skont l-artikolu 514 tal-Kodiċi tal-Kummerċ ingħata minn din il-qorti fil-11 ta' Ġunju 2015. Fi kliem l-Imħallef Paolo Debono tali digriet huwa l-vera pronunzjament tal-awtorità ġudizzjarja dwar it-titolu tal-kredituri individwali li jikkanonizza l-kreditu ammess.

»Tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna l-interess tal-atturi huwa wieħed ipotetiku għaliex anki jekk għas-saħħa tal-argument l-atturi kienu mgħarrfa bl-eżistenza tal-*life policies* inkwistjoni qabel ma miet il-fallut Jonathan Pace, liema poloz tal-assigurazzjoni ma kellhom ebda *surrender value* u li kienu rializzabbli biss f'każ ta' mewt tal-assigurat, żgur illi l-ebda wieħed mill-atturi ma kien ser jagħżel li jħallas il-*premia* tal-imsemmiija poloz tal-assigurazzjoni meta ħadd minnhom ma seta' jbassar fil-mument li kellha tittieħed id-deċiżjoni jekk il-poloz tal-assigurazzjoni jiġġeddux jew le, li l-fallut kien ser imut ta' 31 sena

»Il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna tisħaq illi l-interess ġuridiku tal-attur irid ikun wieħed dirett u konkret u li jkun jeżisti fil-konfront ta' dak li kontra tiegħu issir t-talba. Evidentement is-soċjetà konvenuta ma kellha ebda obbligu li tibqa' tħallas il-*premium* fuq il-poloz tal-assigurazzjoni mertu tal-kawża li kienu nħarġu unikament fl-interess tas-soċjetà konvenuta u la fl-interess tal-fallut Jonathan Pace u lanqas fl-interess ta' xi wieħed mill-kredituri l-oħrajn. Is-soċjetà konvenuta lanqas ma kellha xi obbligu legali li tinforma lill-kuratur tal-falliment jew lill-kredituri l-oħrajn bl-eżistenza tal-imsemmija poloz tal-assigurazzjoni li fl-aħħar mill-aħħar inħarġu unikament fl-interess tagħha u li, kif diġà ngħad, l-ebda wieħed mill-kredituri l-oħrajn, fil-mument li kellu jiġi deċiż jekk dawn il-poloz tal-assigurazzjoni kellhomx jiġġeddu jew le, ma kellu interess li jdaħħal idejh fil-but u jħallas il-*premium* hu minflok il-

fallut jew minflok is-soċjetà konvenuta, meta l-fallut Jonathan Pace kien għadu ħaj u ħadd ma seta' jobsor li dan kien ser imut ta' 31 sena.

»Fir-rikors maħluf tagħhom l-atturi jippremettu illi s-soċjetà konvenuta ma infurmatx la lill-kuratur fallimentari, la lill-kredituri l-oħrajn u lanqas lill-qorti bil-fatt: (i) tal-eżistenza ta' dawn il-poloz; (ii) li l-poloz inkwistjoni ma kienx tħallas ir-*renewal* tagħhom; (iii) li *Citadel Insurance* kienet kitbet li l-poloz ma kienx sar il-ħlas relattiv għar-*renewal*; (iv) is-soċjetà konvenuta żammet ukoll mistur li minn wara dahar kulħadd kienet kitbet lil *Citadel Insurance* fejn talbet x'kien is-*surrender value* tal-istess poloz; (v) is-soċjetà konvenuta żammet ukoll mistur il-fatt li *Citadel Insurance* kienet infurmat lis-soċjetà konvenuta li l-poloz kienu għadhom jistgħu jiġu *"revived"* fi żmien sitt xhur. L-atturi ppremettew illi fid-dawl ta' dan kollu l-aġir tas-socjetà konvenuta rriżulta li kien wieħed ta' preġudizzju serju għall-kredituri l-oħra u dan għaliex Jonathan Pace miet fil-21 ta' Awwissu 2014 u f'dak il-mument allura l-poloz ma kinux *in vigore*, bil-konsegwenza li l-poloz ma setgħux jissarrfu u dana għad-detriment tal-kredituri tad-defunt Jonathan Pace.

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi marru *oltre* l-kawżali kif oriġinarjament ifformulati minnhom meta implikaw ukoll li s-soċjetà konvenuta kellha xi obbligu li ġġedded il-poloz mertu tal-kawża peress li dawn kienu mirhuna lilha, xi ħaġa li l-atturi ma setgħux jagħmlu skont ir-regoli proċedurali sostnuti mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-kawżali tad-domanda ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta u l-qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet ifformulata fir-rikors maħluf, u l-qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor fuq kawżali differenti minn dik espress fir-rikors maħluf.

»Imma lil hinn mill-kwistjoni ta' jekk b'dan il-mod l-atturi ttentawx iwessgħu l-kawżali tat-talbiet tagħhom kif oriġinarjament ifformulati minnhom, mill-provi prodotti mill-atturi ma jirriżultax illi s-soċjetà konvenuta kellha xi obbligu li tinforma lill-kuratur tal-falliment jew lill-kredituri l-oħrajn dwar il-poloz mertu ta' din il-kawża.

»Hu prinċipju stabbilit mil-liġi u mill-ġurisprudenza tagħna illi min jallega irid jipprova u jinkombi fuq min jallega li jġib prova ta' dak minnu allegat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet – *onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*. … … …

»L-oneru tal-prova tal-allegazzjonijiet attriċi jinkombu fuq l-atturi u l-prova tal-fatt tmiss lil min jallegah a tenur tal-artikolu 562 tal-Kap. 12. Is-soċjetà konvenuta ssostni illi ebda prova ma tista' titressaq f'dan ir-rigward peress illi la fil-liġi u lanqas fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna ma jeżisti obbligu bħal dan li s-soċjetà konvenuta kellha tgħarraf lill-kuratur tal-falliment u/jew lill-kredituri l-oħrajn bl-eżistenza tal-poloz tal-assigurazzjoni inkwistjoni. Is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll ġustament illi l-atturi ma ġabu ebda prova konkreta illi, fl-eventwalità li jkun hemm xi rikavat mill-poloz, huma kienu ser jieħdu lura xi parti mill-kreditu tagħhom. Kull wieħed mill-atturi naqas ukoll milli jagħmel il-prova dwar it-telf li qed isostnu li ġarrbu konsegwenza tal-fatt li ma kellhomx l-opportunità li jġeddu l-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja tal-fallut.

»Terġa' u tgħid il-liġi stess espliċitament tipprovdi illi s-soċjetà konvenuta *qua* kreditur tal-fallut assolutament ma kellha ebda obbligu li tgħarraf lill-kuratur tal-falliment jew lill-kredituri l-oħrajn rigward *life polices* li seta' kellu fuq ħajtu Jonathan Pace. Tant hu hekk l-artikolu 502 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jgħid:

»"(1) Fi żmien xahar mis-sentenza li tiddikjara l-falliment, il-kuraturi għandhom, għalkemm ikun sar appell minn dik is-sentenza, jagħmlu inventarju tal-beni tal-fallut.

»"(2) Dan iż-żmien jista' għal raġuni tajba jiġi mġedded.

»"(3) Kull kreditur jista' u l-fallut hu obbligat jassisti għall-formazzjoni talinventarju."

»Filwaqt li huwa tassattiv fuq il-fallut illi jgħin fil-formazzjoni tal-inventarju tal-assi tiegħu, huwa fakultattiv għal kull kreditur li jassisti fil-formazzjoni tal-inventarju. L-artikolu 504 tal-Kap. 13 jgħid illi:

»"Il-Qorti Ċivili, Prim' Awla, tista', minn rajha jew fuq talba tal-kuraturi jew ta' wieħed jew iżjed mill-kredituri, iġġiegħel lill-fallut u lil kull persuna oħra tagħti, bil-ġurament, kull informazzjoni li jidhrilha li hija meħtieġa jew li tiswa fl-interess tal-massa tal-kredituri u għall-formazzjoni tal-inventarju."

»Imma fil-proċeduri tal-falliment ta' Jonathan Pace s-soċjetà konvenuta ma ngħatat ebda ordni bħal din mill-qorti, u tant ma ħbietx is-soċjetà konvenuta l-eżistenza tal-*life policies* fuq ħajjet Jonathan Pace illi, mal-ewwel opportunità li kellha biex tixhed f'dawk il-proċeduri, ir-rappreżentant tagħha pprovda tagħrif relatat mal-poloz tal-assigurazzjoni inkwistjoni.

»Tqis illi s-soċjetà konvenuta ma pprovdietx dan it-tagħrif lill-kuratur tal-falliment qabel ma skadew il-*life polices* imsemmija, mhux għax imxiet *b'mala fede* u ġiet taqa' u tqum mill-kredituri l-oħrajn għax "kienet moħħha mistrieħ" li l-kreditu tagħha kien adegwatament kopert b'garanziji ipotekarji, għaliex f'dak il-każ x'kienet il-ħtieġa li l-faċilitajiet bankarji avvanzati lil Jonathan Pace ikunu soġġetti, fost kundizzjonijiet oħrajn, għall-ħruġ tal-*life policies* inkwistjoni? Evidentement is-soċjetà konvenuta ma għarrfitx lill-kuratur tal-falliment b'dawn il-*life polices* li ma kellhom ebda *surrender value* jew *cash value*, għax fil-mument li ddeċidiet li ma ġġeddidx dawn il-poloz hija ma attribwitilhom ebda valur utli biex tibqa' ġġedidhom u tħallas il-*premium* relattiv, billi dawn il-*life policies* kienu fuq il-ħajja ta' persuna ta' 31 sena u għall-eventwalità remotissima li dan jiġi nieqes qasir il-għomor. Din il-qorti hija moralment konvinta li l-ebda wieħed mill-atturi, kieku kienu jafu bl-eżistenza tal-poloz tal-assigurazzjoni inkwistjoni, fiż-żmien propizju ma kienu ser idaħħlu idejhom fil-but u jonfoq flus tajba biex jikkawtelaw għal din l-eventwalità remotissima. Il-fatt li Jonhatan Pace spiċċa ġarrab mewta traġika u vjolenti fl-età ta' 31 sena ma jnaqqas xejn mill-validità tal-konsiderazzjonijiet loġiċi tas-soċjetà konvenuta fil-mument li ddeċidiet li ma ġġeddidx il-poloz tal-assigurazzjoni inkwistjoni u li ma tħallasx il-*permium* relattiv.

»Kwantu għal dak li ġie sottomess mill-atturi fin-nota ta' sotto-missjonijiet tagħhom illi s-soċjetà konvenuta kellha l-obbligu li tip-preserva l-mobbli mogħtija lilha b'rahan u ċjoè l-poloz tal-assigurazzjoni, l-artikolu 1712M(4) tal-Kap. 16 jitkellem ċar illi l-kreditur li favur tiegħu tkun mirhuna l-polza jgawdi d-drittijiet kollha tad-detentur tal-polza imma ma jkunx responsabbli għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet li d-detentur tal-polza jkollu lejn l-assiguratur:

»"… il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan ta' polza tal-assigurazzjoni għandu jgawdi d-drittijiet kollha tad-detentur ta' polza li jirċievi avviżi taħt il-polza, li jirċievi kull rikavat tal-polza, meta dan ikun dovut, meta jimmatura jew ma' ċediment iktar kmieni u d-dritt

> li jeżerċita kull għażla ta' min jagħti r-rahan taħt il-polza, ħlief għat-tismija ta' benefiċjarju, imma ma jkunx responsabbli għat-twettiq ta' obbligazzjonijiet li d-detentur ta' polza jkollu lejn l-assiguratur kemm-il darba ma jiġix xort'oħra espressament miftiehem bil-miktub."

»Għalhekk is-soċjetà konvenuta ma kellha ebda obbligu li tħallas il-*premium* tal-poloz tal-assigurazzjoni inkwistjoni li kien qiegħed jirrifjuta li jħallas il-fallut Jonathan Pace.

»Għaldaqstant … tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi … … …«

11. L-atturi *SM (Marketing) Ltd*, *Five Effs Import Co. Ltd*, Ġorġ Borg u martu Miriam Borg, Nazzareno Zammit u martu Rita Zammit, George Muscat, Anthony Mifsud u Anton Cassar appellaw b'rikors tat-13 ta' Novembru 2017, li l-bank konvenut wieġeb għalih fis-6 ta' Diċembru 2017. Il-kuratur tal-falliment wieġeb fl-4 ta' Diċembru 2017, għalkemm iddikjara biss illi joqgħod għal dak li tiddeċiedi l-qorti b'dan illi ma għandux jeħel spejjeż.

12. L-aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

»… … … L-ewwel qorti sostniet li azzjoni bhal dik odjerna ma setgħetx tiġi proposta minn uħud mill-kredituri iżda kellha tiġi proposta mill-kuratur tal-falliment. Ma hemm xejn fil-liġi li jistipula dan. Dak li tipprojbixxi l-liġi huwa li xi ħadd mill-kredituri jieħu vantaġġ fuq l-oħrajn. Żgur li din mhux is-sitwazzjoni fil-każ odjern! Hawn għandna sitwazzjoni fejn uħud mill-kredituri qed jieħdu passi kontra kreditur ieħor u dana fl-interess tal-kredituri kollha. In-nuqqas daparti tal-kuratur li jieħu xi forma ta' azzjoni ma għandhux imur a diskapitu tal-kredituri l-oħra u a vantaġġ ta' kreditur ieħor. Insibu sitwazzjonijiet analogi fl-Att tal-Kumpanniji, fejn kreditur jista' jieħżu azzjoni *sua sponte* bmod awtonomu mill-likwidatur.

»Huwa stabbilit li fl proċeduri ta' falliment, il-kuratur tal-falliment mhux qiegħed hemm bħala rappreżentant tal-massa tal-kredituri. Kif jgħid Torrente:

> »"il curatore non rappresenta … la massa dei creditori: è, invece, un organo pubblico che agisce per la realizzazzione dei fini di giustizia che sono propri della procedura fallimentare."[1]

»Għahekk ġaladarba l-kuratur mhux ir-rappreżentant tal-kredituri u ġaladarba ma hemm l-ebda projbizzjoni mil-liġi li kreditur jissalvagwarda d-drittijiet tiegħu – u dana basta li ma jkunx ta' preġudizzju għall-massa tal-falliment – l-azzjoni attriċi setgħet tiġi intavolata u l-atturi żgur li kellhom interess ġuridiku f'dan ir-rigward.

---

1 »Andrea Torrente, Piero Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato,* Giuffrè Editore, diciott-esima edizione«

»Inkwantu għall-osservazzjonijiet tal-ewwel qorti dwar l-attwalità tal-interess ġuridiku, il-fatt li ma kienx ingħata d-digriet tal-verifika tal-krediti ma jfissirx li l-atturi ma kinux fil-mument li intavolaw il-kawza odjerna kredituri tal-fallut. Id-digriet appuntu jikkonferma l-ammont pretiż u kif proprju jgħid l-Imħallef Debono (hekk kif ċitat mill-istess l-ewwel qorti), dak jikkanonizza l-kreditu, imma n-nuqqas tiegħu ma jfissirx l-ineżistenza tal-kreditu. Kreditur mhux neċessarjament għandu jkun kanonizzat b'sentenza biex ikun jikkwalifika bħala tali.

»Tant hu hekk li l-istess proċedura tal-falliment tipprospetta sitwazzjoni fejn jitfaċċa kreditur wara l-verifika tal-krediti. Il-verifika hija proprju l-konferma u mhux dak li toħloq il-kreditu. Fi kwalunkwe każ irriżulta li l-atturi kollha ġew ikkonfermati kredituri – inkluż il-bank – kwindi *se mai* għandu japplika l-prinċipju tal-*ius superveniens*.

»L-ewwel qorti qalet wkoll li l-interess ġuridiku tal-atturi huwa wieħed ipotetiku. Ibbażat din il-konklużjoni tagħha billi tgħid li l-poloz ma kellhom l-ebda *surrender value* u skont il-qorti l-ebda wieħed mill-atturi ma kien ser jagħżel li jħallas il-*premium* meta ħadd minnhom ma basar li l-fallut kien ser imut ta' 31 sena. Dan ir-raġunament huwa wieħed għal kollox żbaljat. Il-fatt jibqa' li fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-falliment il-fallut kien kopert b'poloz ta' assigurazzjoni. Dan huwa fattwali u ħadd ma jista' jiċħdu. X'seta' ġara wara huwa bir-rispett kollu ipotetiku u anki irrelevanti.

»L-ewwel qorti tgħaddi sabiex targumenta wkoll li l-bank ma kellu l-ebda obbligu li jħallas il-*premium.* Apparti li l-ewwel qorti tgħid ukoll li l-poloz inħarġu biss fl-interess tal-bank u mhux fl-interess tal-kredituri l-oħra u lanqas tal-fallut, però, jekk huwa minnu li meta dawn inħarġu ma nħarġux fl-interess tal-kredituri l-oħra, żgur li ma jistax jingħad l-istess fil-konfront tal-fallut. Għaliex dawn il-poloz kienu jindikaw bħala benefiċjarju tagħhom il-fallut jew l-eredi tiegħu u kienu initżi biex ikopru l-patrimonju tal-fallut f'każ ta' mewt tiegħu għaliex proprju jilliberaw il-patrimonju tiegħu mill-piż tad-dejn favur il-bank. Kwindi indirettament tali poloz kienu jibbenefikaw minnhom ukoll il-kredituri l-oħra tal-fallut *stante* li appuntu ma jkunx hemm aktar il-bank li jikkonkorri fuq il-patrimonju tal-fallut.

»Jekk l-atturi kinux idaħħlu idejhom fil-but biex iħalsu l-*premia* huwa kompletament irrilevanti għal każ odjern. Apparti l-fatt li dan huwa argument ipotetiku, il-fatt jibqa' l-bank żamm kollox mistur. Imma mhux hekk biss, iżda l-ewwel qorti naqset tul is-sentenza tagħha li tik-konsidera l-fatti tal-każ fil-parametri ta' proċeduri ta' falliment. Il-punt fundamentali huwa li bl-aġir tiegħu iil-bank ikkreja preġudizzju fil-konfront tal-kredituri l-oħra.

»L-ewwel qorti fis-sentenza tagħha targumenta wkoll li l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom marru *oltre* l-kawżali tagħhom meta huma argumentaw li peress li l-poloz kienu mirhuna allura l-bank kien obbligat li jġedded il-poloz. Però mhux hekk. L-atturi dejjem sostnew li l-preġudizzju li ġie kkawżat bl-aġir tal-bank joriġina mill-fatt li l-bank ma żvelax li kellu fil-pussess tiegħu tali poloz. Il-poloz kienu fil-pussess tal-bank proprju minħabba l-fatt li dawn kienu mirhuna favurih. L-argumentazzjonijiet tal-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom saru proprju biex jispjegaw ulterjorment it-talba tagħhom u l-konsegwenzi kkawżati mill-aġir tal-bank. Wieħed ma jridx jinsa li l-bank eċċepixxa u argumenta li huwa ma kienx obbligat li jġedded il-poloz – fir-rikors

ġuramentat ma hemrn l-ebda aċċenn għal dan l-obbligu – u allura l-atturi spjegaw kif skont huma dan l-argument tal-bank huwa wkoll żbaljat.

»L-ewwel qorti tista' tgħid abbraċċjat kompletament is-sottomissjonijiet magħmula mill-bank fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Għalhekk qablet ukoll mal-bank li dan ma kellu l-ebda obbligu li jinforma lil ħadd dwar il-poioz li kienu mirhuna favur tiegħu. Sfortunatament anki hawn l-ewwel qorti naqset li tagħmel apprezzament ħolistiku tas-sitwazzjoni u tal-fatti tal-każ, u ċjoè li fll-każ odjern hemm l-elementi tal-proċedura ta' falliment marbuta mal-kunċett tar-rahan kif ukoll ma għandux jintesa l-kunċett bażilari fl-ordinament ġuridiku tagħna *tal-bonus pater-familias*.

»Lanqas ma huwa validu l-argument li l-atturi ma ġabux prova li jeżisti xi obbligu fil-liġi jew fil-ġurisprudenza li hemm xi obbligu fuq il-bank li jinforma lill-kuratur jew lill-qorti bl-eżistenza tal-poloz. Il-fatt li l-liġi espressament ma timponix obbligu jew rimedju ma jfissirx li dan ma jeżistix u jew ma jistax jingħata. Il-qrati tagħna f'diversi okkażjonijiet ipprovdew rimedju anki meta l-liġi ma kinitx espressament tipprovdi wieħed. Lanqas ma jreġi l-argument li l-atturi ma ġabux prova li fl-eventwaltà ta' rikavat mill-poloz huma kienu ser jieħdu xi parti mill-kreditu tagħhom jew inkella tat-telf li jsostnu li ġarrbu bil-konsegwenza li huma ma ngħtawx l-opportunità li jġeddu l-poloz.

»Dak li talbu l-atturi huwa fil-kuntest tal-fatt li mill-massa tal-assi tal-fallut hemm nieqes l-ammont li kien jiġi realizzabbli mill-poloz inkwistjoni. Dan huwa fatt li ma jistax jiġi kkontestat. L-atturi ma talbux li jiġu kkumpensati ta' xi danni. It-talba tagħhom hija li l-ammont tal-poloz li kienu viġenti fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-falliment jiġi mqiegħed f'idejn il-kuratur. Ma hemm l-ebda talba li xi ħadd minnhom jiġi kkumpensat xi ammont.

»… l-ewwel qorti … żbaljat l-interpretazzjoni tagħha tal-artikolu 502 tal-Kap. 13 fl-ambitu tal-każ odjern. Dan l-artikoiu bl-ebda mod ma jeżonera lill-bank jew lil kwalsijasi kreditur ieħor milli jiżvela lill-kuratur jew lill-qorti mill-fatt li għandu fil-pussess tiegħu assi tal-fallut. L-artikolu 502 jipprovdi dwar l-assistenza fil-kompilazzjoni tal-inventarju tal-assi tal-fallut, fejn allura hemm obbligu tal-fallut li jassisti lill-kuratur. Min-naħa l-oħra tali obbligu mhux impost wkoll fuq il-kredituri. Però dan ma jfissirx li kreditur jista' jżomm mistur il-fatt li għandu assi fil-pussess tiegħu appartenenti lill-fallut! Allaħares kien hekk! Għaliex dan ikun ifisser li per eżempju jekk kreditur għandu għas-saħħa tal-argument kilo deheb fil-pussess tiegħu proprjetà tal-fallut, dan jista' jżommu u jagħmel bih dak li jrid mingħajr ma jgħid xejn lil ħadd. Hekk u hekk dak mhux rintraċċabbli! Wieħed japprezza li tali raġunament huwa wieħed perikoluż u jqajjem preċedent serju.

»Dwar l-artikolu 504 tal-Kap. 13, anki dan ma japplikax għall-każ odjern kif ukoll ċertament bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li b'xi mod jeżonera kreditur milli jiżvela x'assi għandu fil-pussess tiegħu appartenenti lill-fallut. Il-bank kellu *qua bonus paterfamilias* jinforma lill-kuratur jew lill-qorti mingħajr il-ħtieġa li jiġi applikat dan l-artikolu.

»… … … wieħed ma jistax jifehem kif [l-ewwel qorti] qalet li l-bank, mal-ewwel opportunità li kellu biex jixhed ir-rappreżentant tal-bank, ipprovda t-tagħrif relatat mal-poloz inkwistjoni. Dan mhux korrett kif jirrizulta *del resto* mill-istess sentenza appellata fis-silta fejn din

tagħmel referenza għax-xiehda ta’ George Cassar White. *Di più* mill-kontro-eżami tiegħu rriżulta bl-aktar mod car li Cassar White meta xehed quddiem il-qorti fil-proċeduri ta’ falliment kien għamel aċċenn unikament għall-poloz maħruġa minn *Citadel* u dan għamlu biss meta ġie mistoqsi in kontro-eżami. L-atturi saru jafu bl-eżistenza tal-poloz tal-*MSV* wara li intavolaw dawn il-proċeduri u senjatament *tramite* r-risposta ġuramentata tal-bank.

»Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, ma kien hemm assolutament xejn li jżomm lill-bank milli jiddikjara lill-kuratur dwar l-assi tal-fallut li kellu fil-pussess tiegħu. Il-bank ipprova jġib l-iskuża li ma seta’ jiżvela xejn minħabba s-sigriet bankarju. Skuża fjakka għall-aħħar! Il-bank seta’ faċilment jagħmel rikors fejn jitlob lill-qorti tagħtih direzzjoni f’dan ir-rigward.

»Imbagħad l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha tiġġustiflka lill-bank billi tgħid li r-raġuni għalfejn ma infurmax lill-kuratur bl-eżistenza tal-poloz kienet li l-bank ma attribwixxa ebda valur għal dawn il-poloz peress li ma kellhomx *surrender value. Di più* iżżid tgħid l-ewwel qorti li hija “moralment konvinta” li l-ebda wieħed mill-atturi kieku kien jaf bl-eżistenza tal-poloz kien ser joħroġ il-flus minn butu. … … … tali kunsiderazzjonijiet mhux biss mhux f’posthom iżda huma assolutament irrilevanti u immaterjali għall-każ odjern.

»Dak li sa mill-bidu nett sostnew l-atturi f’dawn il-proċeduri huwa li, fil-mument li Jonathan Pace ġie ddikjarat fallut, il-bank ma kellu l-ebda fakoltà, diskrezzjoni, poter jew xi forma ta’ jedd fuq il-poloz *de quo.* Hawnhekk għandna kaz ta’ falliment u kwindi fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-falliment il-bank ġie żvestit minn kwalsijasi setgħa li huwa possibilment kellu fuq tali poloz jew assi oħra appartenenti lil Pace.

»Jekk kellux obbligu li jġedded tali poloz ma għandu x’jaqsam xejn. Ċertament ma kienx jispetta lill-bank minn dak il-mument ’il quddiem jiddeċiedi x’ser jagħmel bil-poloz. Però, min-naħa l-oħra, l-atturi jissottomettu li, ġaladarba l-bank għażel li ma jsemmi xejn dwarhom u anzi jibqa’ jżommhom fil-pussess tiegħu, allura l-bank assuma responsabilitajiet u obbligi fil-konfront tal-kredituri l-oħra rigward il-preservazzjoni tagħhom.

»F’dan il-kuntest għalhekk ir-referenza għall-artikolu 1712M(4) magħmula mill-ewwel qorti mhux korretta, fis-sens li dak l-artikolu jagħmel referenza għal sitwazzjonijiet “normali”, iżda l-każ odjern ma jittrattax sitwazzjoni “normali” għaliex appuntu jinvolvi proċeduri ta’ falliment, fejn allura l-bank suppost irritorna l-assi kollha tal-fallut li kellu fil-pussess tiegħu lill-kuratur. Infatti skont l-artikolu 486(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-falliment u mal-mument tan-nomina tal-kuratur tal-falliment, l-assi kollha tal-fallut igħaddu taħt il-kontroll tal-istess kuratur. Ħadd ma hu qed jgħid li fil-mument li ġie ddikjarat il-falliment il-bank kien obbligat jibqa’ jħallas il-*premia.* Però jsegwi li f’dak il-mument il-bank kellu d-dmir li jinfurma lill-kuratur li huwa kellu fil-pussess tiegħu assi appartenenti lill-fallut. Ħaġa li l-bank ma għamilx. Wisq anqas ma huwa kkonsenja lill-kuratur tali assi. M’hemmx dubju li l-bank kellu fil-pussess tiegħu assi appartenenti lill-fallut u ċjoè kellu fil-pussess tiegħu poloz ta’ assigurazzjoni maħruġa favur il-fallut mirhuna favurih.

»Kwindi *in vista* tal-proċeduri tal-falliment – li l-bank kien u għadu parti fihom – jiskatta obbligu ta' kull kreditur fil-konfront tal-kredituri kollha li jagixxi *in buona fede* u li jinfurmaw lill-kuratur b'dik l-informazzjoni kollha li hija rilevanti għall-proċedura. Żgur li l-ebda wieħed mill-kredituri [ma] għandu jedd li jżomm fil-pussess tiegħu assi appartenenti lill-fallut.

»Il-proċeduri ta' falliment iġibu obbligi mhux biss fil-konfront tal-fallut iżda anki fil-konfront tal-kredituri. Dawn ma jistgħux jagixxu b'mod li jkun ta' preġudizzju tal-kredituri l-oħra. Dan l-aspett huwa importanti fil-vertenza odjerna għaliex ii-mod ta' kif aġixxa l-bank huwa manifestament ta' preġudizzju serju għall-kredituri l-oħra. Il-bank ġie kompletament non-kuranti dwar l-interessi tal-massa tal-kredituri u aġixxa esklussivament fl-interessi tiegħu. Tali non-kuranza toriġina wkoll mill-fatt li bank kien "moħħu mistrieħ" li ser jiġbor il-kreditu tiegħu peress li kellu favurih ipoteki li jippregradwaw dawk tal-kredituri l-oħra.

»Jeżisti wkoll l-obbligu tal-bank naxxenti mill-istitut tar-rahan. Kif diġà ngħad huwa paċiflku li l-poloz ta' assigurazzjoni li ġew indikati f'dawn il-proċeduri kienu kollha mogħtija b'rahan favur il-bank. Għalhekk huma rilevanti l-provedimenti tal-Kodiċi Ċivili dwar dan l-istitut. L-artikolu 1964(1) jipprovdi li:

> »"Ir-rahan huwa kuntratt li jinħolq biex jagħmel tajjeb għal obbligazzjoni. Ir-rahan jista' jingħata jew mid-debitur innifsu jew minn terza persuna għad-debitur."

»L-artikolu 1965(1) imbagħad jiddisponi li:

> »"Ir-rahan ta' ħwejjeġ mobbli jiġi kostitwit bil-kunsinna lill-kreditur tal-ħaġa mogħtija b'rahan jew tad-dokument li jagħti l-jedd esklusiv li wieħed jiddisponi mill-ħaġa."

»Fil-każ odjern għalhekk għandna beni mobbli – *i.e.* il-poloz – li ġew mogħtija b'rahan lill-bank. … … … irriżulta li l-poloz kienu – u fil-fatt għadhom – fil-pussess tal-bank. Mela għalhekk ii-bank kellu l-obbligu, ġaladarba għażel li jżommhom fil-pussess tiegħu, li jippreserva l-mobbli mogħti lilu b'rahan. L-artikolu 1975(1) tal-Kap. 16 espressament jistipula li:

> »"Il-kreditur iwieġeb għat-telf tar-rahan jew għall-ħsara li tiġri fih bi ħtija tiegħu."

»M'hemmx dubju li fil-każ odjern il-poloz intilfu unikament minħbba l-aġir tal-bank li fl-ebda mument qabel ma seħħ it-telf ma informa lil ħadd dwarhom. Il-bank, kwindi, kellu l-obbligu li jippreserva l-ħaġa mogħtija lilu b'rahan u *ċjoè* l-poloz. … … …

»… … …

»Il-bank, *una volta* li għażel li jżomm il-poloz fil-pussess tiegħu, kellu għalhekk l-obbligu li jippreserva l-poloz. U kif jiġu ppreservati l-poloz jekk mhux billi jitħallas il-*premium?* Il-bank però għażel li ma jħallas l-ebda *premium.* Imma mhux hekk biss! Għażel li ma jinforma lil ħadd li kellu fil-pussess tiegħu l-poloz u li kienu *pledged* favurih. Agħar minn hekk, għażel ukoll li ma jinforma lil ħadd bid-deċiżjoni tiegħu. Dan kollu huwa gravi fid-dawl tal-fatt li, fil-każ odjern, b'dan il-komportament tiegħu, il-kredituri kollha sofrew preġudizzju b'mod li mill-massa tal-assi tal-fallut ma daħlax ir-rikavat tal-poloz inkwistjoni. Dan ser ifisser li

l-krediti tal-atturi mhux ser jiġu sodisfatti minħabba l-fatt li l-bank jiggradwa qabilhom – kif jirriżulta mill-atti tal-kawża.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, li huwa ċert huwa illi fi kwalunkwe każ fil-mument illi l-bank għażel illi jirrinunjza għar-rahan huwa kellu l-obbligu legali illi jikkonsenja l-oġġett mogħti b'rahan (fil-każ in eżami l-poloz tal-assikurazzjoni) lil sidha. Peress illi fil-każ in deżamina f'dak il-mument sid l-istess poloz kien ġie dikjarat fallut u konsegwentement kien ġie maħtur kuratur, l-obbligu tal-bank kien dak illi jikkonsenja l-poloz lill-kuratur tal-fallut.

»Mill-provi prodotti rriżulta illi, fil-mument illi l-bank għażel illi jirrinunzja għar-rahan, kien għad hemm il-possibiltà illi l-poloz ta' assikurazzjoni jiġġeddu a benefiċċju tal-kredituri kollha, ħaġa illi ma setgħex issir *stante* illi l-bank mhux biss ma infurmax lill-kuratur bl-eżistenza tal-poloz relattivi, iżda *inoltre* naqas milli jikkonsenja l-istess poloz lill-kuratur fil-mument illi għażel illi jirrinunzja għar-rahan.

»Fil-każ odjern, il-kunċetti legali li jirregolaw kemm il-proċeduri ta' falliment taħt il-Kodiċi tal-Kummerċ kif ukoll dawk li jirregolaw l-istitut tar-rahan taħt il-Kodiċi Ċivili, ma jistgħux jiġu separati. Għaliex fil-każ odjern il-bank kellu obbligi naxxenti minn dawn iż-żewġ istituti. Il-bank kif diġà ngħad kellu obbligu li jikkonsinja kwalsijasi *asset* appartenti lill-fallut li kienet fil-pussess tiegħu lill-kuratur. Imbagħad fi kwalunkwe każ, ġaladarba l-bank għażel li ma jippreservax *sua sponte* l-*assets* tal-fallut li kienu fil-pussess tiegħu, kellu allura l-obbligu li jinforma b'dan lill-kuratur. *Una volta* li l-bank għażel li jżomm fil-pussess tiegħu – u mistur mill-kuratur u l-kredituri l-oħra – tali *assets*, kellu l-obbligu li jippreserva tali assi u *ċjoè* assuma l-obbligu li jippreserva l-poloz ta' assigurazzjoni *pledged* favurih.«

13. Irrispettivament minn jekk il-kuratur jirrappreżentax il-massa tal-kredituri jew le, f'kull każ dan ma jfissirx illi kredituri individwali ma jistgħux ifittxu rimedju biex jitħarsu l-assi tad-debitur li minnhom jistgħu jitħallsu, aktar u aktar meta l-kuratur jibqa' passiv.

14. Il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi l-atturi ma kellhomx interess ġuridiku għax l-azzjoni seta' jmexxiha l-kuratur biss hija għalhekk ħażina.

15. Għandhom raġun ukoll l-atturi jikkontestaw l-asserzjoni tal-ewwel qorti fejn din qalet illi jonqos l-element tal-attwalità tal-interess tagħhom għax, meta nfetħet il-kawża, kien għadu ma ngħatax id-dikriet tal-verifika tal-krediti. Dak id-dikriet ingħata fit-18 ta' Marzu 2015 u għalhekk kull nuqqas li seta' kien hemm issewwa bis-saħħa tal-*ius superveniens*.

16. L-interess tal-atturi iżda għandu jistrieħ ukoll fuq l-element tal-utilità li jistgħu jieħdu minn eżitu favorevoli tal-kawża; fi kliem ieħor, iridu juru illi, li ma kienx għan-nuqqas tal-bank, huma kienu jieħdu vantaġġ għax il-kreditu tal-bank kien jitħallas mir-rikavat tal-poloz flok minn assi oħra li, f'dak il-każ, kienu jmorru biex jitħallsu l-krediti tagħhom.

17. Hawnhekk il-qorti tqis illi għandha tgħid illi, li kieku tassew kien hemm din il-possibilità li r-rikavat mill-poloz jidħol fl-assi tal-fallut, il-bank kellu dmir illi waqt il-proċeduri ta' falliment għallinqas jgħarraf lill-kuratur u lill-kredituri l-oħra bl-eżistenza tal-poloz biex min ikollu interess ikun jista' jieħu ħsieb jagħmel dak meħtieġ biex iżomm il-poloz fis-seħħ. Il-fatt li l-bank kien moħħu mistrieħ li, għax il-kreditu tiegħu jiggradwa qabel, kien hemm biżżejjed assi oħra biex jitħallas ma jeħilsux minn dan l-obbligu ta' *bona fides*: il-mentalità li "moqdi jien moqdija d-dinja" ma jagħmilx ġieh lil istituzzjoni bħall-bank konvenut li għandu jkun litigant ideali u leali, u lanqas ma hu kompatibbli mal-*bona fides*.

18. Iżda kien hemm possibilità realistika, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, illi seta' nkiseb xi rikavat mill-poloz?

19. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi, meqjusa l-età relativament żagħ-żugħa tal-fallut qabel il-mewta tiegħu mhux mistennija meta kellu biss wieħed u tletin sena, ma baqax jagħmel sens għall-bank illi jkompli jġedded il-poloz meta kien hemm assi oħra biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-kreditu tiegħu.

20. Is-sitwazzjoni tista' tkun differenti għal dawk il-poloz li kienu għadhom fis-seħħ, jew setgħu jiġġeddu, fil-waqt tal-falliment. Għalkemm xorta baqa'

jagħmel sens għall-bank li ma jkomplix iġedded dawk il-poloz, la ma kellux aktar bżonnhom, madankollu kellu għallinqas jgħarraf lill-kuratur bihom, ħaġa li naqas li jagħmel. Iżda dan mhux biżżejjed: irid jintwera wkoll illi, li kieku l-bank wettaq dan l-obbligu tiegħu, l-atturi ma kinux iġarrbu t-telf li ġarrbu; fi kliem ieħor, irid jintwera li dan in-nuqqas tal-bank kien il-kawża tat-telf tal-kredituri.

21. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi x'aktarx le milli iva illi xi ħadd mill-kredituri kien sejjer iġedded polza fuq il-ħajja ta' raġel ta' tletin sena[2] biex "jibbenefika" mill-possibilità li jmut sa sena oħra, u jkompli jġedded dik il-polza sena wara sena. Anzi, x'aktarx li ħadd ma kien iġedded dawk il-poloz u xorta kienu jintemmu. Dwar dawn il-poloz, għalhekk, in-nuqqas tal-bank ma kellu ebda konsegwenza negattiva fuq l-atturi.

22. Jifdal il-poloz li kienu fis-seħħ, jew setgħu jiġġeddu, meta ġie nieqes il-fallut. Poloz li setgħu jiġġeddu sa sena wara ma jiswewx, għax biex l-assikuratur iġedded il-polza jkun irid prova dwar is-saħħa tal-assikurat, u naturalment dik il-prova ma setgħetx issir għax l-assikurat kien mejjet. Jiswew iżda poloz li dwarhom ikun għadu għaddej il-*grace period* – iż-żmien li matulu ħlas tardiv xorta jitqies ħlas validu – meta miet l-assikurat.

23. Fis-sentenza appellata tisemma polza li ġiet deskritta hekk:

> »Polza FP443779 *life assurance - loan protection plan,* fuq Jonathan Pace li skadiet fl-1 ta' Diċembru 2014, li kienet mirhuna lill-*BOV* bejn is-27 ta' Frar 2009 sad-19 ta' Novembru 2038, għal somma assigurata ta' €44,000, u *premium* ta' €129.98 fis-sena«

---

2 Il-falliment ġie dikjarat b'seħħ mit-12 ta' Novembru 2013 u l-fallut miet, anqas minn sena wara, fil-21 ta' Awwissu 2014, ta' wieħed u tletin sena.

24. Jekk tassew il-polza skadiet fl-1 ta' Diċembru 2014, din il-polza kienet fis-seħħ meta miet il-fallut assikurat fil-21 ta' Awwissu 2014 u għalhekk seħħet il-kondizzjoni tal-ħlas tal-polza u wieħed għandu jifhem – għax is-soċjetajiet ta' assikurazzjoni dejjem jimxu b'*uberrima fides* – illi l-assikuratur ħallas is-somma assikurata ta' erbgħa u erbgħin elf euro (€44,000) lill-assi tal-falliment hekk kif sar jaf – għax ir-rappreżentant tiegħu xehed f'din il-kawża – bil-mewt tal-assikurat. Iżda r-rappreżentant tal-assikuratur xehed[3] illi meta jingħad li polza "skadiet" jew "*lapsed*" ifisser illi għaddiet is-sena li fiha tkun tista' terġa' tingħata l-ħajja (dejjem jekk l-assikuratur ikun sodisfatt bl-istat ta' saħħa tal-assikurat) u mhux illi ntemm iż-żmien ta' kopertura bil-polza. Fi kliem ieħor, il-polza li "skadiet" fl-1 ta' Diċembru 2014 fil-verità l-kopertura taħtha kienet ġà ntemmet fl-1 ta' Diċembru 2013, u l-*grace period* ta' xahar għalhekk intemm fl-1 ta' Jannar 2014, u, ovvjament, għalkemm is-sena kienet għadha ma għaddietx l-assikuratur ma kienx sejjer iġedded il-polza meta jaf li l-assikurat miet.

25. Jifdal poloz li skadew qabel il-mewt tal-assikurat iżda kienu għadhom f'dak li ssejjaħ *grace period* ta' xahar, dejjem jekk jintwera li dak il-*grace period* kien kondizzjoni tal-polza u mhux konċessjoni ħielsa tal-assikuratur, għax naturalment l-assikuratur ma kienx sejjer jagħmel dik il-konċessjoni biex ikollu jħallas fuq il-polza jekk mhux marbut li jagħmilha. Iżda jekk kien hemm poloz li setgħu bi dritt jiġġeddu wara l-mewt tal-assikurat sa żmien xahar wara li kellu jitħallas il-*premium*, jiġifieri poloz li l-*premium* fuqhom kellu jitħallas wara l-21 ta' Lulju 2014 iżda qabel il-21 ta' Awwissu 2014,

3 Xiehda ta' Victor Farrugia quddiem l-ewwel qorti fil-15 ta' Lulju 2016, *fol.* 253 *et seq.*

kien jagħmel sens li l-atturi jħallsu l-*premium* biex iżommu l-polza fis-seħħ u jsir il-ħlas taħtha, u n-nuqqas tal-bank li jgħarrafhom b'dawk il-poloz kien ikun kawża tat-telf tagħhom.

26. Il-fatt iżda hu li ma kien hemm ebda polza li għalqet wara l-mewt tal-fallut u li kienet għadha fiż-żmien ta' xahar wara li għalqet biex tista' tiġġedded bil-ħlas, għalkemm tardiv, tal-*premium*. Għalhekk effettivament l-atturi ma ġarrbu ebda telf b'konsegwenza tan-nuqqas tal-bank konvenut. Għalhekk, għalkemm għal raġunijiet kemmxejn differenti, il-konklużjoni tal-ewwel qorti li tiċħad it-talbiet tagħhom kienet tajba, u l-appell ma jistax jintlaqa'.

27. Peress illi l-atturi kellhom raġun fl-aggravju dwar il-leġittimazzjoni attiva tagħhom u t-tempestività tal-azzjoni, huwa xieraq illi ma jeħlux l-ispejjeż kollha tal-appell.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti, tikkonferma s-sentenza appellata fejn din ċaħdet it-talbiet tal-atturi. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif deċiż fis-sentenza appellata; dawk tal-appell jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom l-atturi u sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-bank konvenut.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm